BUILDING & CONSTRUCTION
AUTHORITY

**Ċirkolari 6/2025 tal-BCA**

**Suġġett: Il-Proċedura li Għandha tiġi Adottata fir-Rigward ta' Xogħlijiet li Jeħtieġu Approvazzjoni wara r-Rekwiżiti ta' Wara-d-Deċiżjoni Imposti mill-Awtorità tal-Ippjanar**

L-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni b'din il-komunikazzjoni tgħarraf lill-Periti kollha bil-proċedura li għandha tiġi osservata f'każijiet fejn ix-xogħlijiet ikunu suġġetti għal rekwiżiti ta' Wara-d-Deċiżjoni, imposti mill-Awtorità tal-Ippjanar - liema rekwiżiti għandhom jiġu sodisfatti qabel ma permess ta' żvilupp maħruġ mill-imsemmija Awtorità jsir esegwibbli.

F'dan ir-rigward, il-proċedura li ġejja għandha tapplika b'effett immedjat:

1. Il-Perit responsabbli mix-xogħlijiet għandu jissottometti talba formali għall-approvazzjoni lill-Awtorità permezz ta' imejl indirizzata lil nonexecutablepa@bca.org.mt
2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumentazzjoni li ġejja:

    a. Ittra ta' akkumpanjament li formalment titlob il-ħruġ ta' approvazzjoni għal tali xogħlijiet;

    b. Il-formola tar-responsabbiltà diġitali skont Ċirkolari BCA 2/2025;

    ċ. Dikjarazzjoni ta' kopertura ta' assigurazzjoni b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet ta' L.S 623.11.

3. Mas-sottomissjoni dovuta tad-dokumentazzjoni indikata f'paragrafu (2), l-Awtorità għandha toħroġ approvazzjoni awtomata dwar l-imsemmija talba, u x-xogħlijiet jistgħu jipproċedu.

Il-Periti kollha huma mfakkra li l-osservanza tal-proċedura msemmija hawn fuq hija obbligatorja. Kull talba għal approvazzjoni li ma tiġix sottomessa skont din iċ-Ċirkolari titqies invalida, u ma tiġix proċessata mill-Awtorità.

**L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**